# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 6 ta' Lulju 2016**

**Kawza Numru : 21**

**Rikors Numru : 148/2009 JPG**

**Dr. Philip Manduca Id Card no 339960(M) mandatarju ta' l-imsiefrin Joseph Consiglio**
**u b'digriet tat-13 ta' Settembru 2012 l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Philip Manduca ghall-imsiefrin Victoria Consiglio u *Marion* Portelli flok Joseph Consiglio li miet fil-mori tal-kawza,**
**Frank Consiglio, Joseph Ciantar, Esther Healy u Nazia Alfrida Andrews**

**VS**

**Notary Charles Vella Zarb Id Card no. 239983(M)**

## Il-Qorti ;

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr. Philip Manduca nomine tas-17 ta'Frar 2009 li jaqra hekk:

*"Illi l-intimat, n-Nutar Charles Vella Zarb kien qed jagixxi bhala mandatarju ta' Nicola Consiglio, Michael, France, Joseph u Annie mart Paul Ciantar, ahwa Consiglio.*

*Illi f'din il-kwalita tieghu, l-intimat kien inkarigat mill-amministrazzjoni tal-propieta tal-ahwa Consiglio b'mod partikolari il-gbir ta' kirjiet u cnus u inoltre kien inkarigat wara awtorizzazzjonijiet ad hoc mill-bejgh ta'plots f'Marsascala propieta tal-istess ahwa Consiglio.*

*Illi b'ittra datata 30 ta' Ottubru 1989 Nicholas sive Colin Consiglio irrevoka l-mandat li kien ta lill-konvenut u talbu biex fi zmien qasir jaghtih rendikont dettaljat tal-amministrazzjoni tieghu u jaghtih kopji tal-kuntratti u konvenji maghmula f ismu bhala mandatarju u jghaddi l-kotba tal-bank mizmuma f'ismu u jipprokura "statement" tal-bank dwar id-depoziti kollha mizmuma ghal mandanti.*

*Illi l-intimat ma ghamel xejn minn dak mitlub minnu u b'ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru 1989 u ittra ohra tat-23 ta' April 2008 l-intimat rega gie interpellat sabiex jaghti rendikont dettaljat tal-operat tieghu u biex jirrilaxxa l-import ta' sehem r-rikorrenti mill-flus li jinsabu f idejh izda l-intimat ghalkemm qal verbalment li kien se jipprepara dan ir-rendikont naqas li jaghmel hekk.*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex l-intimat jaghti rendikont tal-operat tieghu u jikkonsenja lir-rikorrent nomine l-flus, kotba u hwejjeg mobbli ohra li jinsabu f'idejh.*

*Illi r-rikorrent nomine jirriserva li jiehu azzjoni ohra spettanti lilu u minn issa qed izomm l-intimat responsabbli ghad-danni kollha li gew sofferti mill-mandanti tieghu.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-onorabbli Qorti ma ghandhex:*

1. *tordna lill-intimat, Nutar Charles Vella Zarb, biex jaghti rendikont dettaljat u dokumenti tal-operat kollu tieghu bhala mandatarju kemm ta' Nicola Consiglio u tal-mandanti tal -esponent.*

2. *tikkundanna lil intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jirrilaxxa favur r-rikorrenti nornine l-flus li jinsabu f'idejn l-intimat kif ukoll kull document, ktieb bankarju jew oggetti mobbli proprieta tar-rikorrenti li jinsabu f'isejn l-intimat bhala mandatarju kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat 20 ta' Novembru 1989 u tal-ittra ufficjali datat 23 ta' April 2008 b'riserva ghal kull azzjoni kontra l-intimat."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenut n-Nutar Charles Vella Zarb tat-23 ta'Marzu 2009 (a fol. 15 et seq) li taqra hekk :

*"Illi huwa kien ilu jamministra l-beni tal-atturi diversi snin ilu u ghamel hekk sal-1989 u dejjem gharraf lill-atturi u l-persuni kollha nteressati b'dak kollu li kien qed jaghmel.*

*Illi huwa kien jgharraf lill-persuni nteressati b'dak kollu li jkun ser jaghmel qabel u kien igib l-approvazzjoni taghhom ossija ta' min kien jitkellem ghalihom.*

*Illi fil-fatt tul daz-zmien kollu huwa dan mandatarju ghamel diversi rapporti lill-atturi jew lil min kien jiehu hsieb l-affarijiet taghhom, u ta' dawn ser jipprezenta kopji, mal-eventwali affidavit tieghu, malli dawn ikunu f'idejh, dwar dil-kwistjoni,*

*Illi barra min hekk huwa ghamel ukoll xi pagamenti lill-persuni interessati in pagament minnu dovuti in relazzjoni mall-amministrazzjoni tieghu.*

*Illi ghandu jghid ukoll li kien hemm uhud mill-persuni nteressati li sahansitra rrifjutaw hlasijiet minnu lilhom maghmula u dana biex ma jippregudikaw il-pensjoni taghhom barranija.*

*Ghaldaqstant huwa jeccepixxu bir-rispett,*

1. *Illi l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

2. *Illi qabel xejn l-attur irid jipprova il-mandat favurih bid-dokumenti relattivi.*

3. *Illi l-attur irid jipprova t-titolu tal-mandanti kollha tieghu fil-kawza odjerna.*

4. *Illi mhux minnu li huma qatt ma ta' rendikont tal-*amministrazzjoni *tieghu tal-beni tal-atturi.*

5. *Illi lanqas ma huwa minnu li huwa qatt ma ghamel xejn mill-inkarigu moghti lilu mill-atturi.*

6. *Illi huwa matul iz-zmien tal-mandat tieghu dejjem qeda l-ikarigu lilu moghti onestament u fedelment u li huwa attivament dejjem ta' rendikont tal-eghmil tieghu lill-atturi.*

7. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tal-24 ta'Marzu 2009 fejn innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 19 et seq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur nomine tal-31 ta' Lulju 2015 (a fol. 273 et seq);

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tal-intimat Nutar Charles Vella Zarb tat-30 ta' Novembru 2015 (a fol. 284 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Dennis James Healy** xehed permezz ta' affidavit a fol 23 – 32 illi Nicola Consiglio huwa missier il-mara tieghu u kien jiddiskuti mieghu kwistjonijiet rigwardanti l-

proprjeta tal-familja Consiglio f'Malta. Spejga li fl-1984 l-intimat kien inghata d-dokumentazzjoni relattiva ghal proprjeta u l-beni tal-familja Consiglio f'Malta u kien involut fl-amministrazzjoni tal-beni f'Malta tal-familja Consiglio. Qal illi l-intimat huwa filfatt membru familjarji tal-familja Consiglio.

Kompla illi l-intimat kien inizjalment involut fil-kollezzjoni tac-cnus u kirjiet u biex jillibera proprjetajiet taht ic-Church Properties Act. Huwa kien gie moghti prokura limitata minn kull eredi biex jaqdi din il-funzjoni. Spjega wkoll illi l-akbar involviment tal-intimat kien l-involviment dirett tieghu fid-divizjoni tal-propjeta tal-familja f'Marsaskala u l-bejgh ta' dawn il-plots. Il-Perit Joseph Borg Grech kien gie imqabbad sabiex jaghmel din id-divizjoni mill-intimat bl-approvazzjoni tal-eredi. Qal illi l-proprjeta kien giet diviza fuq parir tal-intimat li kien tal-opinjoni li kien aktar ta' vantagg ghal eredi li jsir hekk.

Zied illi skont il-prokuri moghtija lill-intimat, huwa kellu jikseb il-kunsens tal-eredi qabel ma jbiegh xi proprjeta. Spejga li l-intimat prova jikseb approvazzjoni ghal bejgh ta' dsatax minn erbgha u tletin plot, u l-bqija kienu gew mibjugha minghajr rikjesta ghal kunsens jew approvazzjoni. Qal illi **tmienja minn dawn il-plots kienet gew mibjugha lil G Mizzi Properties Limited, f'liema kumpanija l-intimat kellu interess finanzjarju.**

Spejga illi **missier martu irrevoka l-prokura li ta lill-intimat fit-30 ta' Ottubru 1989** u l-prokuri **tal-eredi l-ohra kienu gew revokati fl-1992**. Qal illi missier martu ircieva s-somma ta' Lm5,038.93 minghand l-intimat u l-ebda flus ma gew ricevuti mis-sena 1990. Kompla illi minhabba f'hekk missier martu kien qabbad avukat biex jistitwixxi proceduri gudizzjarji kontra l-intimat izda dawn kienu twaqqfu ghal raguni mhux maghrufa minnu.

Qal illi l-intimat kien baghat diversi ittri fejn kien dejjem iwieghed illi ser jibghat rendikont. Qal ukoll illi f'laqgha li hu u martu kellhom mal-intimat fit-13 ta' April 1995, l-intimat kien qalilhom illi l-flus tal-familja Consiglio li kien gabar kienu qieghdin depozitati f'kont bankarju fil-clients account tieghu, u li qatt ma kien infetah kont bankarju separat ghal kull eredi. Kompla illi l-intimat kien ammetta li ma kienx zamm rendikont dettaljat tal-flus li kien ircieva jew hallas a nom tal-familja Consiglio

u li kien hemm xi bejgh ta' proprjeta fejn l-ammont li rcieva kien akbar mill-ammont imnizzel fuq il-kuntratt.

**Esther Healy** xehdet permezz ta' affidavit a fol 22 illi hija bint Nicola Consiglio u kkonfermat il-kontenut tal-affidavit tar-ragel taghha Dennis Healy mill-konoxxenza personali tal-fatti kontenuti fih.

**Frank Consiglio** xehed permezz ta' affidavit a fol 125 – 129 illi huwa wiehed mill-eredi ta' Nicola Consiglio u kien involut personalment fl-attivita ta' bejgh ta' art f'Marsaskala. Qal li l-intenzjoni tieghu kienet illi jipprovdi lill-intimat prokura limitata sabiex ikun jista' jinnegozja u jipprocedi sal-istadju ta' konvenju biss, u li dejjem kienet l-intenzjoni tieghu illi l-intimat jikseb kunsens espress bil-miktub mill-familja qabel ma jikkonkludi xi bejgh, kif filfatt l-intimat kien ikkonferma li kien ser jaghmel. Dan tant illi kien hemm diversi drabi fejn l-intimat kiseb il-kunsens taghhom biex jipprocedi bil-bejgh ta' proprjeta.

Qal li kien hemm perjodi fejn ma kien jircievi l-ebda kommunikazzjoni, u dan kien jiehdu bhala sinjal li ma kien hemm xejn li kienet tirrikjedi il-konsiderazzjoni jew l-approvazzjoni taghhom.

Kompla illi d-divizjoni tal-art f'Marsaskala kienet saret mill-perit Joseph Borg Grech li kien gie mqabbad mill-intimat a nom tal-familja Consiglio. Spejga li l-intimat kien gie appuntant bhala mandatarju minn huh Colin meta kien qieghed Malta, u l-bqija tal-familja kienet qablet.

Zied illi kemm hu, kif ukoll hutu, kienu ilhom jikkonsidraw jitterminaw il-mandat tal-intimat mis-sena 1989 peress illi ma kienux sodisfatti bil-mod kif kienu qieghed jaqdi dmirijietu, u eventwalment kienu irrevokaw il-prokura permezz ta' ittra mibghuta a nom taghhom mill-Avukat Lia.

Qal li huwa kien iltaqa' mal-intimat darbtejn, fil-presenza ta' martu, meta kienu qieghdin hawn Malta. Spejga illi darba minnhom kien talab lill-intimat biex jaghtih xi flus minn dawk li kien izomm f'isimhom fis-somma ta' Lm1000 u eventwalment kien irnexxilu jaqghad flimkien Lm950 b'mod allaramanti tant illi anke kellu jfittex f'qiegh

kexxun biex jipprova jsib xi flus, u anke hareg xi flus mill-kartiera tieghu stess. Qal illi l-intimat kien dejjem evaziv meta kienu jistaqsuh xi mistoqsijiet u kien jivvanta skuzi meta ma kienx ikollu flus lesti ghalihom.

**Joseph Consiglio** xehed permezz ta' affidavit a fol 158 – 162 illi huwa wiehed mill-eredi ta' Nicola Consiglio u l-intenzjoni tieghu kienet illi jaghti lill-intimat prokura limitata biex ikun jista' jinnegozja sal-istadju ta' konvenju izda mbaghad ikollu bzonn permess biex ikun jista' jikkonkludi l-bejgh. Filfatt l-intimat kien ikkonferma dan u kien hemm diversi drabi fejn kien prova jikseb il-kunsens taghhom qabel ma biegh xi proprjeta. Qal li kien hemm perjodi fejn ma kien jircievi l-ebda kommunikazzjoni, u dan kien jiehdu bhala sinjal li ma kien hemm xejn li kienet tirrikjedi il-konsiderazzjoni jew l-approvazzjoni taghhom.

Kompla illi d-divizjoni tal-art f'Marsaskala kienet saret mill-perit Joseph Borg Grech li kien gie mqabbad mill-intimat a nom tal-familja Consiglio. Spejga li l-intimat kien gie appuntant bhala mandatarju minn huh Colin meta kien qieghed Malta, u l-bqija tal-familja kienet qablet. Spejga li ma setghax isib rekord ta' pagamenti illi saru lilu mill-intimat pero jassumi li l-pagamenti li saru lilu huma l-istess bhal dawk li saru lill-hutu. Qal illi huwa qatt ma rrifjuta xi pagament mighand l-intimat.

Zied illi kemm hu kif ukoll hutu kienu ilhom jikkonsidraw jitterminaw il-mandat tal-intimat mis-sena 1989 peress illi ma kienux sodisfatti bil-mod kif kienu qieghed jaqdi dmirijietu, u eventwalment kienu irrevokaw il-prokura permezz ta' ittra mibghuta a nom taghhom mill-Avukat Lia.

Xehed illi f'Awissu tas-sena 1995 huwa kien iltaqa ma' Joe Carabott informalment fil-hotel tieghu f'Marsaskala. Joe Carabotta kien xtara xi proprjeta tal-familja Consiglio minghand l-intimat. Waqt din il-laqgha kien hemm prezenti Vicky Consiglio, Marisa u Joe Portelli u t-tfal taghhom. Carabott semma illi hu kien avvicina lill-intimat biex jixtri xi plots, izda ghal xi raguni l-intimat irrifjuta li jbiegh dawn il-plots lilu. Dawn il-plots kienu mbaghad gew mibjugha lil G. Mizzi Properties Limited.

**Dr. Philip Manduca** xehed a fol 204 – 205 illi huwa gie appuntat f'din il-kawza mill-atturi biex jassistihom. Spejga illi huma kellhom problemi mal-konvenut li kien gie

nominat prokuatur taghhom jew tal-aventi kawza taghhom u kien qed jippretendu li jinghataw minghand in-nutar rendikont ta' x'ghamel ezatt bhala l-mandatarju taghhom. Malli tawh l-istruzzjonijiet huwa beda jikkorispondi mal-konvenut u jcempillu biex jitolbu rendikont dettaljat tax-xoghol tieghu bhala mandatarju. Il-konvenut kien dejjem jghidlu li ser jaghtihomlu izda qatt ma tah xejn.

In subizzjoni a fol 215 – 217 xehed illi huwa ghandu mandat min kull min qed jidher f'din l-azzjoni bhala attur jew attrici. Qal li qabel ma prezenta l-kawza ghan-nom tal-klijenti tieghu kien kiteb diversi ittri lin-Nutar Charles Vella Zarb u kien hemm diversi korrispondenzi fejn l-intimat qallu li biex jaghtihom accounts irid iqabbad accountant professjonali u kien dam jistenna hafna, bil-klijenti tieghu jigru warajh jitolbuh risposta minghand l-intimat. Qal li l-intimat dejjem baqa' jghidlu 'issa naghtihomlom' pero baqgha ma tah xejn u ghalhekk l-atturi kienu kostretti jintavolaw din il-kawza.

Mistoqsi jekk il-hames persuni imnizzlin fl-ewwel pagna tal-process humiex l-unici proprjetarji li ghandhom dritt ghal dak li qed jintalab fic-citazzjoni huwa wiegeb illi dawk kollha li qed jidhru bhala atturi, inkluz dawk li fihom gew trasfuzi l-atti skont id-digriet tat-13 ta' Settembru huma dawk kollha li ghandhom pretensjoni kontra l-intimat in konnessjoni ma' din il-kawza. Spejga illi l-klijenti tieghu kienu l-persuni intitolati ghal dan l-“estate”.

Mistoqsi jekk ghandux prokura ta' dawn il-persuni wiegeb illi huwa ghandu prokura minghand l-atturi biex jiftah il-kawza.

**Colin Consiglio** xehed a fol 268 – 269 illi hu jigi t-tifel ta' Frank Consiglio, iben Nikola Consiglio. Qal illi missieru illum ghandu 91 u joqghod l-Awstralja, u hu ghandhu prokura tieghu. Spjega li meta miet nannuh Nikola kien halli xi artijiet li kellhom jinqasmu bejn uliedu u kien gie deciz illi dawn l-artijiet jinbieghu biex jaqsmu. Zied li hu ra d-dokumenti li ghaddielu missieru u ra li xi whud mill-proprjetajiet kienu gew divizi u valutati. Qal li ra wkoll il-kondizzjoni li kienet tghid li biex jinbieghu l-artijiet u l-proprjeta ried ikun hemm il-kunsens tal-membri familjarji kollha, li tidher fid-dokument ezebit a fol 75 tal-process. Qal li hu ra wkoll xi dokumenti ta' missieru skont liema missieru kien irceiva xi flus fir-rigward ta' dawn l-

artijiet u kien ra wkoll ittra li missieru kien baghat lill-intimat biex jitolbu xi flus. Spejga li missieru kien zamm noti estensivi rigward il-flus kollha li rcieva. Ra wkoll dokument handwritten li kien rcieva missieru fejn kienu gew elenkati plot numbers tal-artijiet flimkien ma ittra li kienet mehmuza u li ntabet mill-intimat, li jinsabu ezebiti a fol 178 u 180 tal-process. Meta staqsa lil missieru jekk kienx hemm xi haga aktar kompleta qal illi ma kien rceiva xejn aktar minghand in-nutar u missieru ghadu qed jistenna l-hlas u l-proper accounting rigward dawn l-artijiet.

In kontro-ezami a fol 269 - 270 xehed illi huwa qatt ma kkorrisponda personalment mal-intimat ghaliex qatt ma kellu raguni ghalfejn. Qal illi Colin Consiglio huwa hu missieru. Xehed illi m'huwiex a konoxxenza jekk thallsux taxxi hawn Malta rigward l-artijiet u lanqas jaf jekk thallsux declaration of inheritance l-Awstralja.

**In-Nutar Charles Vella Zarb** xehed a fol 224 – 226 illi l-ahwa Consiglio diga ghandhom il-prospett mitlub fit-talba uli dan huwa dettaljat oggett b'oggett. Mistoqsi jekk ghandhux kopja ta' dan il-prospett wiegeb illi dan jirrizulta mill-korrispodenza stess li ezebew l-atturi. Mistoqsi kemm kien l-ammont totali li gabar ghal klijenti wiegeb bl-ammont ma jiftakarx, pero dan l-ammont jirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Xehed illi ladarba hemm id-dokumenti kollha fil-process huwa jsostni illi adempja l-obbligu kollha tieghu snin ilu u ghalhekk irrifjuta li jobbliga ruhha li jerga jipproduci c-cifri mitluba minnu. Qal illi hu dejjem kellhu awtorizzazzjoni ghal kull bejgh li ghamel, u l-iktar li kien jricievi kien minghand Colin Consiglio. Qal li hu dejjem amminstra ghal beneficcju taghhom, ghaliex filfatt ghalih kien ikun hafna ehfef li jaqbdu u bieghu art shiha, milli li joqghodu jaqsmuha fi plots u jbieghu bicca bicca.

Mistoqsi kienx hemm xi cnus li nfdew u hadhom hu wiegeb fl-affermattiv pero ma jiftakarx dawn liema kienu izda dan jirrizulta.

A fol 230 – 233 xehed illi hu ta rendikont lill-klijenti tieghu u li l-ittra datata 16 ta' Settmebru 1987 m'huwiex l-unika dokument li tahom bhala rendikont. Mistoqsi jekk meta spicca mix-xoghol, ghamilx xi tip ta' statement, wiegeb illi ma kellux ghalfejn jaghmel dan ghaliex huma waqqfuh. Mistoqsi kif kien jistabilixxi il-kunsens ta' kull eredi ghal kull bejgh, wiegeb illi huwa kien jikteb jew jikkomunika ma' Colin u imbaghad kien jiehu hsieb kollox Colin u jghidlu hu bit-twegiba ta' hutu. Mistqosi kif

kien jistabilixxi l-prezz gust qabel il-bejgh wiegeb illi dan kien jaghmlu permezz tal-Perit Borg Grech u imbaghad kien jitlob ftit izjed biex iserrah rasu. Qal illi “estate”agents qatt ma kellu involuti bil-bejgh peress illi l-atturi ma riedux dan u allura kien ikun hemm involuti sensara biss li kien jithallsu mix-xerrej. Qal illi huwa kien qabbad lill-Perit Grixti Soler biex jaghmel id-divizjoni tal-plot. Mistoqsi jekk hu kellux jircievi awtorizzazzjoni ghal kollox wiegeb fl-affermattiv u filfatt hekk kien jaghmel. Qal li huwa mhux biss kien jinforma lill-klijenti tieghu izda anke kien jaghtihom pariri.

A fol 238 – 241 xehed illi rigward il-valur tal-artijiet dawn jirrizulta mill-korrispondenza u cioe:

- Plot 10 – Lm2,500
- Plot 1 fuq in-naha tal-lemin – Lm1,700
- Plot 16, 17 u 18 = Lm12,000
- Plot 1 fuq ix-xellug – Lm3,000
- Plot 2 – Lm2,300
- Plot 23, 24, 25, 26 u 27 – Lm 13,800
- Plot 14 u 15 – Lm 6,000
- Plot 11, 12 u 13 – Lm9,000
- Plot 10 – Lm2,500
- Plot 9 – Lm2,400
- Plot 7 u 8 – Lm4,800
- Plot 3, 4, 5 u 6 Lm8,900
- Parti minn Plot 33 – Lm1,000
- Parti minn Plot 33 – Lm3,000

Imbaghad kien hemm Plot 19, 20, 21 u 22 li nbieghu ghal Lm18,000. Dawn ma jirrizultawx mid-dokumenti ezebiti fil-process, probabilment ghaliex kien deher fuq il-kuntratt Colin personalment. Qal illi huwa kien baghtilhom pjanti li turi l-plots kif inqasmu u l-valur taghhom. Qal illi lil Frank kien tah Lm950 cash u lil kull wiehed mill-ahwa kien baghtilhom Lm4,938.93. Xehed illi c-cnus li gabar, li huma fl-ammont ta' circa Lm670 ghadhom ghandu u lest li jghaddihomlom. Xehed illi kull darba li

talbu rendikont Dr. Manduca kien dejjem jghidlu li l-ahwa Consiglio ghandhom kollox.

A fol 243 A – 243 C xehed illi kien qal lil Dr. Manduca li jista' jqabbad accountant biex jigbidlu saqajh. Mistoqsi fejn hu l-bilanc li ghad fadal jithallas lill-atturi wiegeb li dan qieghed depozitat fi clients account mal-HSBC. Mistoqsi kemm kellu ishma huh fis-socjeta George Mizzi Limited wiegeb illi nofshom jew ftit inqas minn nofshom.

A fol 260 – 264 xehed illi ma jistghax ikun illi plots 7 u 8 inbieghu ghal prezz ta' Lm7,400 kif qal Henry Camilleri lill-ahwa Consiglio, ghaliex dawn inbieghu ghal Lm2,400 kull wiehed oltre cens annwu ta' Lm30.

A fol 268 – 270 xehed illi l-ahwa Consiglio kien qabbdu lilu bhala persuna li tigi minnhom meta kien ghadu kif jiggradwa u hu kien ha hsieb il-proprjeta taghhom bl-aktar mod genwin li seta'. Qal li hu kien jibghat hafna korrispondenza u ma kellu xejn x'jahbi.

**Bhala total hu wiegeb li baghat lil ahwa Consglio Lm29,454. Mistoqsi kemm kien l-ammont li gabar wiegeb li dan kien Lm84,200. Wiegeb illi jaccetta illi d-differenza hija dovuti lill-atturi u hu lest li jibghatilhom dan l-ammont jekk huma jaccetawh.**

In subizzjoni a fol 279A – 279 C xehed illi kien hemm ftehim illi Plots 16, 17 u 18 jinbieghu lilu u l-plot tal-kantuniera u l-ohrajn kienu ser johduhom hutu pero sussegwentement ma kienux interessati. Il-kuntratt kien sar fis-26 ta' Mejju 1989 kif jirrizulta a fol 178 bil-permess tal-mandatarji tieghu. Mistqosi jekk it-terms of payment stabbilihomx fil-kuntratt wiegeb fin-negattiv. Qal illi huwa kien pretenda li jbieghulu minghajr cens izda huma insistew u ghalhekk kien impona cens bhal ta' haddiehor. Qal illi huwa kien ghamel privilegg favur taghhom biex meta imbaghad ihallashom tac-cnus jikkancellawh. Kompla li l-ahwa Consiglio ma riedux jircievu l-flus l-Awstralja minhabba kwistjoni ta' taxxi.

Mistoqsi jekk qatt biegh xi plot b'valur inqas minn dak li kien ta' l-perit, wiegeb fin-negattiv, anzi biegh b'valur ghola, izda x'jigi dikjarat fil-kuntratt mhux necessarjament il-prezz li jkun gie miftiehem. Qal li per ezempju fir-rigward tal-kuntratt tat-26 ta' Mejju 1988, ghalkemm dan jidika l-prezz ta' Lm10,000, huwa ser jaghtihom Lm12,000 ghaliex dan hu l-prezz li kien gie miftiehem kif jidher mid-dokument a fol 178. Qal illi c-cens mhux qieghed ihallsu u lanqas biss jaf min huma l-legittimi kontraditturi.

L-intimat xehed ukoll permezz ta' affidavit a fol 304 – 307 illi l-ahwa Nicholas, Joseph, Frank, Michael u Annies Ciantar, ilkoll ahwa Consiglio, huma primi kugini man-nanna tieghu Frances. Spejga li huma ko-proprjetarji ma' nanntu u huha ta' xi proprjetajiet li gew ghandhom b'wirt mill-genituri taghhom u ghalhekk kien hemm xi korrispondenza bejn Nicholas, maghruf bhala Colin, Consiglio u n-nannu tieghu Virgilio Vella, li kien jiddiskutu fuq xi qsim li kellu jsir ta' ghalqa u post f'Marsaskala u post iehor f'Hal Tarxien. Peress illi huwa kien ghadu kif gradwa ta' avukat Colin Consiglio kien staqsa lil Vella jekk ikunx interessat jiehu hsieb l-aspett legali tal-proprjeta li ghandhom f'Malta. Din il-proprjeta ghal ewwel kienet f'idejn in-Nutar Vincenzo Maria Pellegrini, imbaghad f'idejn in-Nutar Angelo Vella u imbaghad fis-snin tmenin giet f'idejh.

Xehed illi b'kollox saru hames prokuri favur tieghu u kollox kien qieghed isir permezz ta' korrispondenza specjalment bejnu u bejn Colin Consiglio li kien dejjem jghidlu kemm kien iddispjacut illi ilhom tant li wirtu u qatt ma sar xejn biex jinbieghu il-proprjetajiet biex jinaqsmu bejniethom. Kompla illi huwa spjegalhom sew il-konsegwenzi tal-prokuri u biex iserhu rashom li hu m'hu ser ibiegh xejn minghajr il-qbil tal-hamsa li huma, iffirma dikjarazzjoni illi ma jbieghx jekk ma jkunux tawh struzzjonijiet ghal dan.

Il-proprjeta li kellu f'idejh li kienet taghhom kien tikkonsisti minn xi cnus zghar f'Wied il-Ghajn, kirjiet l-Isla, post mikri f'Hal Tarxien li terz minnu kien tal-familja tieghu, post iehor Marsaskala li kien hemm xi cens fuqu favur il-familja tieghu u bictejn art kbar f'Marsaskala li kien l-artijiet li l-ahwa kienu interessati li jinbieghu. Spejga li kien hemm problema ghaliex Annie u Joseph kellhom legat ta' parti minnhom li ma kienx spjegat tajjeb fit-testment u kien problema ohra ghaliex dwar

terz ta' certu Francis Consiglio li kien miet bla tfal u problema ohra dwar parti mill-art li dwarha qatt ma kien irrizulta xi akkwist. Il-problem dwar il-legat giet rezolt fuq suggeriment tieghu billi dawn qabblu li jiehdu somma flus mill-ewwel bejgh.

Kompla illi hu qabbad a nom tal-ahwa Consiglio il-perit Grixti Soler biex jaghmel pjanta tal-art u jaqsamha f'plots u lil Perit Joseph Borg Grech biex jaghmel l-istimi. Hu kien izomm lil ahwa informati, specjalment permezz ta' Colin illi kien hadha f'idejh li jghaddi l-informazzjoni lil hutu l-ohra. Fuq parir tieghu, l-art ma nbieghetx shiha izda bhala bicciet separati sabiex jingieb prezz ahajr, u kien ukoll issugerilhom li jimponu cens fuq kull wahda. Fuq parir tieghu ukoll, il-parti tal-art li tigi bejn Triq il-Vajrita u Triq il-Kappara ma nbieghetx biex ma jinbieghx kollox f'daqqa f'kaz illi eventwalment il-prezzijiet joghlew. Huwa innegozja tpartit ma' certu Gregory Schembri biex jakkwistaw bicca art ohra halli l-art li kien fadal ikollha faccata tajba. Talab ukoll tibdil fit-toroq biex l-art tinqasam ahjar.

Xehed illi kien izomm korrispondenza tajba specjalment ma' Colin Consiglio  li kien anke gie Malta darbtejn halli jara l-affarijiet b'ghajnejh. Qal illi Frank Consiglio kien gie Malta darba imma ma tanx kien jidher interessat u kien talbu Lm1,000, li kien lestielu izda meta mar biex jaghtilhomlu sab Lm50 nieqsa.

Spejga li meta kien gie Colin it-tieni darba kien ghamel zewg konvenji biex tinbiegh parti mill-art u kien sab prezzijiet tajbin minghand zewg persuni li kienu hbieb tieghu. Kien talab u kiseb l-awtorita’ sa biex jipprocedi  Colin, izda sussegwentement qallu li bidlu fehmithom u riedu prezzijiet oghla. Huwa informa lil Colin li ta' Mizzi kien tard wisq ghaliex il-konvenju kien lahaq gie iffirmat, izda ma' Farrugia kien ghadu ma sarx konvenju u ghalhekk kien talbu Lm5000 iktar, li kien tahomlu. Wara ftit Colin irrevokalu l-prokura, u sussegwentement irrevokaw il-prokura l-ahwa l-ohra wkoll.

Zied illi hu dejjem zammhom informati tajjeb lill-mandanti tieghu u wara li kienet giet rizolta l-kwistjoni tal-legati ta' Annie u Joseph, l-affarijiet kienu mixjien b'ritmu tajjeb. Rigward il-flus li gabar ghalihom, xehed illi huma stess kienu riedu li ma jibghathomx l-Awstralja peress li ma riedux jippregudikaw xi pensjonijiet jew taxxa, izda xi drabi kien jibghat sommom. Qal li wara li rrevokaw il-prokura tieghu, ma

kellhomx prokuratur iehor Malta u ghalhekk m'ghandu lil kellu lil min seta' jghaddu l-bilanc li fadalu.

In kontro-ezami a fol 309A – 309 D qal li jiftakar illi l-Avukat Pawlu Lia kien baghtlu ittra ufficjali a nom ta' Colin Consiglio permezz ta' liema kienet giet imhassra l-prokura li kellu, u ftakar ukoll illi imbaghad kien hemm laqgha ma' Dr. Lia fejn il-prokuri kollha mill-ahwa Consiglio gew revokati. Mistoqsi jekk kienx gie informat illi Josie Ciantar kien qieghed jagixxi ghan-nom ta' Colin, wiegeb illi jista' jkun u li jidhirlu li kien ghaddielu r-registru tac-cnus, u kien jibghat ghandu n-nies li kienu jmorru biex ihallsu c-cens. Mistoqsi jekk jiftakarx illi fl-1995 Esther Hili, bint Colin Consiglio kienet marret ghandu, wiegeb illi ma jiftakarx li kien iltaqa' maghha, izda jiftakar biss li kien iltaqa' mar-ragel taghha u binha.

Mistoqsi jekk qatt bghatx lil Dr. Lia, Josie Ciantar jew xi hadd mill-ahwa Consiglio biex jghidlhom li lest jibghatilhom il-flus wiegeb li ma kellux ghalfejn. Mistoqsi jekk kellux permess ibiegh lil George Mizzi u lil Dione Farrugia wiegeb illi kull kuntratt dejjem kien sar bil-permess u filfatt ta' Farrugia kien iffirmah Colin Consiglio stess peress li kien Malta. Mistoqsi jekk il-permezz li kellu ghal kull kuntratt kienx mill-hames ahwa separati wiegeb fin-negattiv  peress li normalment Colin kien jikteb a nom tal-ohrajn. Qal illi Colin ma kienx jaghtih ittra separata ghal kull kuntratt. Fir-rigward ta' Mizzi Properties, Colin kien Malta u tah il-kunsens dak il-hin.

Mistoqsi dwar il-kuntratti li saru ma' George Mizzi u Dione Farrugia, ppreciza illi l-kuntratti saru ma' kumpanija u mhux maghhom personalment. Mistoqsi min kienu s-shareholders ta' George Mizzi Limited, wiegeb li huma George Mizzi, hu kellu sehem zghir biex ikun third shareholder, u huh, pero ma jafx ghandhom ishma huh u George Mizzi.

Fir-rigward ta' Dione Farrugia wiegeb illi l-bejgh sar lil Valder Properties, u a fol 144 tal-proces hemm imnizzel il-valuri qabel ma sar il-kuntratt. Il-kuntratt kien ghal Lm13,000 izda mbaghad Colin ghollielu l-prezz. Ta' Mizzi kien Lm13,800 u l-kuntratt sar f'Jannar 1989, u ma jahsibx li kien hemm konvenju qabel. Qal ukoll li jista' jkun li kien mar xi hadd li ried jixtri l-art kollha.

In re-ezami a fol 309D l-intimat xehed illi Joe Consiglio ma riedx li jibaghtlu l-flus l-Awstralja minhabba l-pensjoni. Qal li problema ohra li b'konsegwenza taghha kien ghad ghandu bilanc ta' flus ghandu, kienet illi peress li kien hemm hamsa minn nies dwan riedu jaqblu biex jew jiercevuhom f'daqqa jew ikun jista' jaqsam dak li hemm u jaccettaw li ser jiehdu sehem kull wiehed. Qal ukoll li biex tibghat il-flus barra qabel kien hemm procedura *cumbersome* hafna.

In kontro-ezami a fol 318 – 320, mistoqsi biex jezebixxi kopja tal-istatements tal-accounts li fetah mal-Mid Med Bank u l-Bank of Valletta li ghalihom kien irrefera fl-ittra tieghu datata 16 ta' Marzu 1989 wiegeb illi ma jidhrix li dawn id-dokumenti ghadhom ghandu, ghaliex hu diga ghamel verifiki biex jara x'ghandu fir-rigward ta' dan il-kaz u m'humiex mal-bqija tad-dokumenti. Mistoqsi jekk dawn il-kontijiet infethux f'ismu jew f'isem il-klijenti, wiegeb illi dawn infethu f'ismu pero intestati per ezempju f'isem Consiglio Estates.

Mistoqsi jekk l-ammont indikat fi statement illi baghat lill-atturi permezz ta' ittra ezebita a fol 178 u 180 tal-process, jinkludiex il-valur tac-cnus, wiegeb illi li fejn hemm imnizzel hemm specifikat il-prezz ghalih u c-cens ghalih.

Mistoqsi dwar li kien qal li kien kien gabar l-ammont ta' Lm3,7132.04.09 minghand in-Nutar Dr. A. Vella, u muri dokument relattiv, wiegeb illi huwa ma jafx dwar dan u d-dokument li kien qieghed jigi muri m'ghandhux amment li kien qieghed fil-process.
Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2015 xehed in kontro-ezami illi d-dokumenti li ezebixxa bhala Dok BZ 1 fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2015, flimkien mad-dokumenti li kien diga ezebixxa jikkostitwixxu r-rendikont. Qal li barra minn hekk huwa kien zamm wkoll senisela ta' inkontri ma' Colin Consiglio li kien jigi Malta biex jara x'inhu jigri.

Mistoqsi jekk kienx informa lill-atturi bl-interess personali tieghu meta biegh parti mill-plots tal-kumpanija li fiha kellu interess personali, wiegeb illi huwa kien qalilhom; li l-interess personali tieghu kien vera ckejken u meta xtara bicc art personalment kien qalilhom li din kien qed jixtriha hu personalment. Rigward il-kumpanija qal li nofsha kienet ta' wiehed barrani, hu l-intimat kellu ishma fl-istess kumpanija waqt li l-intimat kelu sehem zghir jafna fl-istess socjeta'. Kompla jixhed

illi jekk wiehed jara l-prezzijiet, kienet probabilment il-prezz l-aktar gholi ta' proprjeta li nbieghet.

Mistoqsi ulterjorment fuq il-fatt li dan ma jidhirx fil-korrispondenza, wiegeb illi ma kellux ghalfejn jghidilhom kemm kellhu ishma, u ma kienx ikkonsidra dan bhala rilevanti. Qal li meta kien ser jixtri art, ghalih personali, kien qalilhom dwar dan u ghalkemm kien talabhom li jixtriha minghajr cens huma insistew li jigi mpost cens u kien impona cens hu ghal gwadan taghhom. Mistoqsi jekk l-arretrati ta' dan ic-cens kienux thallsu, wiegeb fin-negattiv ghaliex ma kienx jafx lil min ser ihallas.

**Ikkonsidrat:**

L-intimat eccepixxi, permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri li tinsab a fol 283 tal-process illi l-azzjoni tal-attur nomine hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 2157 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> **"[l]-*azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur ieħor, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispiċċa, jew bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur ieħor*."**

Minn qari tat-talbiet tal-attur nomine, jidher illi din l-azzjoni ma gietx istitwita biss sabiex l-intimat jaghti r-rendikont tal-amministrazzjoni tieghu bhala mandatarju tal-ahwa Consiglio. Filfatt, barra dan, l-attur nomine talab illi l-intimat jigi kkundannat sabiex jirilaxxa favur l-attur nomine il-flus li jinsabu f'idejh u kull dokument, ktieb bankarju jew ogetti mobbli li jinsabu f'idejn ir-rikorrent bhala mandatarju tal-ahwa Consiglio.

Skont il-Qorti tal-Appell:

> ***"...huwa ċar ħafna li l-azzjoni tal-lum m'hijiex azzjoni ta' għoti ta' rendikont, imma waħda li toqrob għar-rivendika. F'każ bħal dan, u sakemm il-mandatarju ma jkunx għadda l-ħaġa lil terzi, l-jedd tal-mandant jew tal-aventi kawża tiegħu biex jitolbu li l-mandatarju prestanome jgħaddi dik il-ħaġa lil sidha, huwa jedd eżerċitabbli "f'kull żmien ... immedjat u bla kundizzjoni. Il-fatt li l-liġi tgħid li, f'okkażjoni bħal dik, il-mandatarju jrid jagħti wkoll minnufih rendikont tal-mandat tiegħu ma jġibx li l-azzjoni tintilef bl-għeluq taż-żmien imsemmi fl-artikolu 2157 tal-Kodiċi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tifhem li ladarba fl-azzjoni mandati directa l-obbligu tal-għoti tar-rendikont tal-mandat huwa effett sekondarju awtomatiku tal-azzjoni ewlenija, jista' jingħad li <u>ż-żmien imsemmi fl-artikolu 2157 lanqas biss jibda jgħaddi qabel ma titressaq l-imsemmi azzjoni ewlenija.</u>***
>
> ***Illi, b'żieda ma' dan, ladarba l-azzjoni mandati directa tinbena fuq il-presuppost li l-ħaġa miksuba mill-mandatarju prestanome tgħaddi mill-ewwel fil-patrimonju tal-mandant, qajla jista' jingħad li l-mandatarju jista' tassew jeċepixxi kontra l-mandant "rivendikant" il-preskrizzjoni. Imbagħad, wieħed lanqas ma jmissu jinsa r-regola l-oħra kardinali tad-dritt li dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor (u fost dawn tabilfors jidħlu l-mandatarji) jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu, jgħaddi kemm jgħaddi żmien. Biex tkun tista' sseħħ l-interverżjoni favur nies bħal dawn, jeħtieġ li jew tinbidel il-kawża jew it-titolu li bis-saħħa tiegħu jkunu jżommu l-ħaġa jew jekk huma jopponu t-titolu tas-sidien.***"[1] (Enfasi ta' din il-Qorti)

Fil-kaz odjern, l-intimat stess, fix-xhieda tieghu gharaf illi l-flus mizmuma minnu jappartjenu lill-mandanti tieghu u li hu lest li jghaddilhom dawn il-flus jekk ikun jaf

---

[1]**Dolores mart Anthony Abela et vs Vincent Gusman et,** Qorti tal-Appell Civili (Appell Civili numru 511/2006) deciz 28 ta' Frar 2014.

lil min ghandu jghaddihom. Ghalhekk huwa car illi huwa mhux qed jopponi t-titolu tas-sidien ta' dawn il-flus.

Ghaldaqstant, in vista tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell, il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni avvanzata mill-intimat f'din il-kawza ma tistghax tirnexxi u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa wkoll illi l-attur irid jipprova il-mandat favurih. L-attur xehed u kkonferma bil-gurament illi hu kienet inghata mandat mill-klijenti tieghu sabiex jistitwixxi din l-azzjoni u jirraprezenta l-interessi taghhom, u ma rrizulta xejn fil-mori tal-procedura li jwassal lil Qorti biex tiskarta din il-verzjoni tal-attur. Ghalkemm l-intimat jeccepixxi illi din il-prova ghandha ssir permezz tad-dokumenti relattivi, il-Qorti taghraf illi l-mandat moghti lill-attur m'hemmx bzonn illi jsir bil-miktub.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, l-intimat eccepixxa illi l-attur irid jipprova t-titolu tal-mandanti kollha tieghu fil-kawza odjerna.

Din l-eccezzjoni giet sorvolata wara illi r-rikorrent nomine pprezenta numru ta' dokumenti fit-12 ta' Mejju 2016 a fol. 291 et seq illi juru li Nazia Andrews hija l-eredi u l-ezekutrici testamentari ta' Michael Consiglio, illi Joseph Ciantar huwa l-eredi ta' Maria Anna Ciantar, illi Frances Consiglio, Colin C. Consiglio u Charle L. Consiglio huma l-eredi ta' Frank Consiglio, illi l-eredi ta' Joseph Consiglio kienet Vicky Consiglio nee Buhagiar li mietet u issa l-eredi hija Marisa Portelli bint Joseph Consiglio, u l-eredi ta' Nicholas sive Colin Consiglio u l-ezekutrici testamentari tieghu hija Esther Healy.

**Ikkonsidrat;**

Skont l-Artikolu 1875 tal-Kodici Civili:

> ***"[i]l-mandatarju, meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant."***

Il-partijiet fil-kawza taw verzjoni kompletament konfliggenti tal-kaz. Filwaqt illi r-rikorrenti jinsistu illi l-intimat qatt ma tahom rendikont tal-amministrazzjoni tieghu tal-beni taghhom, l-intimat jinsisti illi huwa dejjem tahom rendikont u zammhom informati b'dak kollu li kien jaghmel.

Wara li ezaminat l-atti tal-kawza, jirrizulta illi l-intimat kien ta lir-rikorrenti zewg tipi ta' rendikonti. Wiehed minnhom jikkonsisti f'lista tal-properjeta li kienet inbieghet, li tinkludi d-data tal-konvenju u tal-kuntratt u l-ammont ta' cens imponut. It-tieni rendikont jikkonsisti f'nota mhux datata, illi tindika l-ammont li huwa dovut lir-rikorrenti, u l-ammont li diga inghata lilhom.

Rigward il-forma tar-rendikont, intqal mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Demarco vs Demarco** deciza fit-22 ta' Frar 1963, illi il-forma mposta mill-ligi mhijiex di rigore, u dan jinghad a fortiori meta fil-forma u fil-kontenut tieghu jkun hemm bizzejjed biex tista' taqbad l-qaghda finanzjarja tal-"estate" li wiehed hu obbligat jirrendi kont taghhom.[2]

Il-Qorti ghalhekk taghraf illi dak li ghandha tezamina huwa jekk mir-rendikonti imsemmija huwiex possibli li wiehed jaqbad l-*state of affairs* tar-rikorrenti. Il-Qorti hija tal-fehma illi r-rendikont moghti mill-intimat li jindika l-ammont li ghadu dovut lir-rikorrenti huwa karenti minn dawk l-elementi necessarji sabiex wiehed ikun jista' jifhem sew l-qaghda finanzjarja tal-"estate" tal-beni tal-intimat. Huwa nieqes ghal

[2]Citata fis-sentenza **Mary armla Stockley vs Rosario Cini,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 27 ta' April 1965.

kollox minn indikazzjoni ta' min hallas ic-cens li skont ir-rendikont gie mhallas, b'mod ukoll illi r-rikorrenti ma jistghux ikunu jafu min huwa moruz fil-hlas tac-cens u ghal kemm zmien. M'hemmx spjegazzjoni cara ta' minn fejn ezattament originaw il-flus li diga thallsu u dak li ghadu dovut lill- “estate” tar-rikorrenti. Barra minn hekk, dan ir-rendikont lanqas biss ghandu data, u filfatt huwa biss nota, bla data, li taghti indikazzjoni ta’ fuq fuq tal-ammont ta' flus li ghandhom jiehdu u diga hadu r-rikorrenti.

Il-Qorti tqis illi din in-nota m'hijiex bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghall-obbligu li kellu l-intimat biex jaghti rendikont shih u fedeli l-qaghda fianzjarja tal-”estate” tar-rikorrenti. Tant huwa minnu illi l-intimat qatt ma prepara rendikont kif mitlub minnu fil-ligi, illi meta gie biex jiddepozita l-flus tar-rikorrent nomine f'kont separat kif ordnat lilu mill-Qorti, kellu problema jissodisfa lill-Bank rigward il-provenjenza tal-flus.[3]

Ir-rikorrent nomine talab ukoll kopja tad-dokumenti relattivi ghal dan ir-rendikont. Fir-rigward tal-kuntratti ta' bejgh, il-Qorti taqbel mal-intimat illi huwa mhux tenut illi jipprovdi lir-rikorrenti b'kopja taghhom, u dan ghaliex skont l-Artikolu 389 (2) tal-Kodici Civili:

> “[j]*ekk xi wiehed mid-dokumenti jkun att pubbliku, tkun bizzejjed li ssir referenza ghalih*.”

Jidher car illi l-intimat hu tenut li jaghti referenza piena u dettaljata ta’ kull kuntratt ta’ bejgh minnu redatt li jikkoncerna il-proprjeta’ tar-rikorrenti nomine. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrent nomine hija fondata.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni talba tieghu, ir-rikorrent talab sabiex l-intimat jigi ordnat jirrestitwixxi il-flus, kotba bankarji u oggetti mobbli appartenti lir-rikorrenti nomine li ghadhom f'idejh.

[3]Vide rikors tal-intimat tat-23 ta' Marzu 2015 a fol 360.

Fix-xhieda tieghu l-intimat ammetta illi ghalkemm huwa kien gabar l-ammont ta' Lm84,200 a nom tar-rikorrent nomine, huwa baghat biss is-somma ta' Lm29,454. Ghalhekk jibqa' dovut il-bilanc ta' Lm54,746 ekwivalenti ghall-€127,316. Huwa ammetta illi d-differenza hija dovuta lir-rikorrent nomine, u kkonferma bil-gurament tieghu illi huwa lest li jirrestitwihom. Din id-differenza tammonta ghas-somma ta' €127,316. Filfatt din is-somma kienet giet iddepozita f'kont bankarju appozitu, fuq ordni tal-Qorti, kid jidher mid-dokument ezebit a fol 367.

Mill-atti u n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent nomine ma jidhirx illi huwa kkontestat illi dawn huwa l-ammont attwali li huwa dovut lir-rikorrent nomine mill-intimat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa t-talbiet tar-rikorrent nomine u

1. tordna lill-intimat biex jaghti rendikont dettaljat u dokumenti tal-operat kollu tieghu bhala mandatarju kemm ta' Nicola Consiglio u tal-mandanti tar-rikorrenti nomine fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din is-sentenza; u

2. tikkundanna lil intimat sabiex jirilaxxa favur tar-rikorrent nomine is-somma ta'mija sebgha u ghoxrin elf, tlett mija u sittax il- Ewro **(€127,316)**, bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll kull dokument, ktieb bankarju jew oggetti mobbli proprjeta tar-rikorrenti li jinsabu f'idejn l-intimat bhala mandatarju ta' Nicola Consilgio u tal-mandanti tar-rikorrenti nomine.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

*** U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2021 mill-Qorti tal-Appell, l-isem 'Marion' ghandu jaqra 'Marisa'.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**